



## Il-Festi tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali taż-Żejtun fl-1747 u ġrajjiet l-Artal Maġġur tul is-Seklu Tmintax.

# L-Qima lejn Alla u l-Arti fl-Irħam

Kitba ta' Sandro Debono

Sandro Debono jiddentifika d-data tal-konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali taz-Zejtun fl-1747 u jiddiskuti d-deskrizzjoni tal-festi li saru fl-okkażjoni flimkiem ma' grajjet l-artal maġġur tul is-seklu tmintax. Bosta mid-dokumentazzjoni f'dan l-artiklu qiegħda tiġi kemm ippublikata kif wkoll studjata għall-ewwel darba.

L-att tal-konsagrazzjoni għandu tifsira qawwija fl-istorja ta' maqdes qaddis. Tul ċerimonja solenni mmexxija mill-ogħla awtoritajiet tal-knisja, l-maqdes jitbierek minn barra u minn ġewwa flimkien mat-tnax-il medaljun mqegħda fuq il-pilastri maġġuri tal-knisja. [1] L-artal principali tal-knisja kien jingħata attenzjoni speċjali. [2] Fih kienu jiġu ssiġillati r-relikwi tal-qaddisin u kien jitbierek u jindilek biż-żjut qaddisa. Il-konsagrazzjoni kienet wkoll torbot b'mod dejjem id-dedikazzjoni tal-knisja mal-qaddis titulari tal-parroċċa. Il-knisja parrokkjali taż-Żejtun ġiet ikkonsagrata nhar il-ħdax ta' Mejju 1747 mill-Isqof ta' dak iż-żmien Fra Alpheran de Bussan. [3] L-Isqof għamel il-vista pastorali tiegħu fiż-Żejtun fl-istess żmien u fid-dokumentazzjoni ta' din il-vista għandna wkoll deskrizzjoni interessanti ta' dak li ġara f'dawk il-ġranet. Alpheran kien diġa' ikkonsagra bosta knejjes parrokkjali oħrajn sa' dak iż-żmien. [4]

"Il-konsagrazzjoni kienet wkoll torbot b'mod dejjem id-dedikazzjoni tal-knisja mal-qaddis titulari tal-parroċċa."

### Il-Knisja Parrokkjali f'nofs is-Seklu Tmintax

L-knisja parrokkjali ta' dak iż-żmien kienet ferm differenti minn dik li għandna llum. L-istess Alpheran de Bussan jiddeskriviha bħala knisja moderna u mibnija f'għamla ta' salib latin. [5] In-navi laterali kienu għadhom ma nbnewx; il-korsija kellha erba' artali b'bieb fit-tieni arkata ta' kull naħa tal-korsija li jagħti għal fuq iż-żuntier tal-knisja.





*Tnejn minn sett ta' inċiżjonijiet li juru il-konsagrazzjoni ta' artal.*



*Messal tal-konsagrazzjoni li kien ta' l-Isqof Alpheran.*

Jidher wkoll li l-Oratorju tal-Fratellanza tas-Sagrament kien diġa' tlesta; Alpheran jiddeskrivih bħala binja moderna bl-artal u l-presbiterju tal-franka. (6) Jidher li Il-kwadru titulari tal-Oratorju, mħallas mill-kappillan ta' dak iż-żmien Don Andrea Xuereb, (7) kien tlesta ftit xhur qabel il-konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali. (8)

Tabilħaqq il-knisja parrokkjali jidher li kienet mgħammra b'kollox sa dak iż-żmien u jidher li l-istennija biex il-knisja l-ġdida tiġi kkonsagrata kien biex il-maqdes ikun mħejji sewwa.(9) Is-sedji tal-kor jidher li kienu għadhom kif tlestew(10) u jissemmew wkoll għall-ewwel darba l-kwadri laterali l-kbar tal-kor xogħol il-pittur Francesco Żahra.(11)

## Il-Festi tal-Konsagrazzjoni

L-Isqof wasal iż-Żejtun kmieni sbiħ il-jum tal-Ħadd 7 ta' Mejju 1747. Intlaqa mill-kappillan Xuereb f'tarf ir-raħal minn fejn twassal flimkien mal-fratellanzi tal-parroċċa lejn il-knisja parrokkjali. Hemmhekk qaddes flimkien mal-qassisin tal-parroċċa u wara kompla bil-vista pastorali tiegħu. Dak inhar filgħaxija l-Isqof amministra wkoll il-Griżma tal-Isqof lil numru mdaqqas ta' żgħażagħ. (12) Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-konsagrazzjoni tal-knisja fetħu jumejn wara nhar l-10 ta' Mejju. Għall-ħabta tas-sitta ta' filgħodu wasal fis-sagristija tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun il-Vigarju Ġenerali ta' dak iż-żmien, Don Andrea Gurgion, flimkien ma' qassisin oħrajn b'kaxxa tal-injam issiġillata. Minn din il-kaxxa, hekk kif inqasmu s-siġilli, ħarġu erba' relikwi ta' qaddisin martri (13) flimkien mad-digriet tal-konsagrazzjoni li nqara fil-pubbliku u li wara ġie wkoll mqiegħed f'post fejn seta jinqara minn kull min xtaq.(14) Il-kaxxa bir-relikwi ġo fiha ġiet issiġillata mill-ġdid u tqiegħdet f'kontenitur dekorat bil-faċċati tal-ħġieġ li wara nġarr solenament lejn l-Oratorju tas-Sagrament għad-daqq tal-qniepen u l-isparar tal-murtali. Hemmhekk baqgħet esebita tul il-lejl għall-qima tal-kleru u l-poplu Żejtuni. L-għada, l-11 ta' Mejju 1747, l-Isqof ikkonsagra l-knisja parrokkjali.(15) Is-Solennita` tal-konsagrazzjoni bdiet bil-kant tal-għasar penitenzjali fl-Oratorju fejn kien għad hemm esposti għall-qima r-relikwi tal-qaddisin. Minn hemm għadda proċessjonalment għall-knisja parrokkjali fejn ta bidu għal ċerimonja twila ta' 'l fuq minn ħames sigħat segwita minn miġemgħa kbira ta' nies.(16) Skrizzjoni mnaqqxa fuq ix-xewka tal-wiċċ tal-irħam tal-artal maġġur tfakkar din il-ġrajja importanti.(17) Fl-1759, L-Isqof Rull jiddeskrivi skrizzjoni oħra minquxa fuq lapida tal-irħam imqiegħda fuq il-faċċata ta' ġewwa tal-knisja parrokkjali. Il-mod kif inhi kkwotata fil-vista pastorali tagħtina ħjiel tad-dehra tagħha u taqbel hafna ma' skrizzjoni fl-irham mqegħda fuq il-bieb laterali tal-knisja parrokkjali li jinsab hdejn l-artal ta' San Mikiel. Jista jagħti l-kas li din hija fil-fatt l-istess lapida li ra l-Isqof Rull fl-1759 u li aktar tard tneħħiet mill-post originali tagħha biex titqiegħed fuq dan il-bieb tal-ġenb.



*Il-faċċata tal-medja ta' l-altar ikkonsagrata fl-1747.*



*Il-lapida li tfakkar il-konsagrazzjoni tal-knisja.*




*Deskrizzjoni ta' l-istess lapida fil-vista pastorali ta' l-Isqof Rull.*

## Ġrajjet l-Artal Maġġur

L-artal maġġur kellu prominenza kbira tul iċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni u dak in-nhar l-Isqof Alpheran de Bussan ikkonsagra artal tal-irħam li huwa stess jgħid li sar ġdid għall-okkażjoni. (18) Jidher li din kienet biss parti mill-altar ta' illum. Biex nifhmu l-istorja ta' l-artal maġġur irridu nħarsu lejn ġrajjietu.

L-ewwel artal maġġur tal-knisja parrokkjali ġdida inħadem fil-ġebla Maltija mill-iskulturi Francesco u Ġiuseppe Fabri bejn l-1724 u 1725.(19) Jidher li Giuseppe ħadem fuq l-iskannell; l-ixkaffar jew turġien ta' l-artal li fuqu jitqegħdu l-gandlieri. Francesco tħallas għal xogħol ta' skultura fuq l-artal. Erba' snin wara, fl-1729, l-Isqof Alpheran jiddeskrivih bħala artal bi skanell tal-ġebel u tabernaklu tal-injam.(20) L-artal, inkluż it-tabernaklu, kien kollu kemm hu ndurat. L-istess Isqof jidentifika wkoll żewġ stemmi fuq kul naħa tal-artal li jergħu jissemmew fil-vista pastorali tal-istess Isqof fl-1737.(21)

"Fl-1759, L-Isqof Rull jiddeskrivi skrizzjoni oħra minquxa fuq lapida tal-irħam"

Jidher li għall-konsagrazzjoni tal-knisja fl-1747 inbidlet kompletament il-mejda tal-artal iżda mhux l-artal kollu. Madankollu, dan ma jeskludix



għal kollox il-possibilta` li setgħu saru modifiki f'xi partijiet mill-iskannel jew il-pilastri tiegħu li kienu għadhom mill-artal tal-ġebel maħdum mill-Iskulturi Fabri. Tletin sena wara fl-1777, l-Isqof Pellerano jiddeskrivi b'dettal kemm l-artal tal-kurċifiss kif wkoll dak tal-Madonna tar-Rużarju bħala li għandhom skannell tal-irħam iżda ma jagħmel l-ebda referenza speċifika għal skannell tal-irħam meta jiddeskrivi l-artal maġġur.[22] Jidher wkoll li t-tabernaklu kien għadu l-oriġinali li ħadmu l-iskulturi Fabri. Kemm l-Isqof Alpheran fiż-żmien li kkonsagra l-knisja parrokkjali, kif wkoll Isqfijiet oħrajn fil-visti pastorali ta' wara l-konsagrazzjoni tal-knisja, jiddeskrivuh bħala xogħol fl-injam[23] Interessanti li għal xi żmien l-artal maġġur kellu wkoll girandola.[24] Isemmiha l-Isqof Bartilmew Rull ħdax-il sena wara l-konsagrazzjoni tal-knisja fl-1759 u jerġa' jsemmiha l-Isqof Pellerano fl-1777.[25] Din il-girandola setgħet tixbah lil dawk li nsibu fl-artali maġġuri ta' knejjes parrokkjali oħra bħal dawk ta' Ħal Għaxaq, Ħal Tarxien u Ħaż-Żebbug.

## L-iskannell u r-Rinovazzjoni tal-Artal lejn Tmiem is-Seklu Tmintax

Jidher li lejn tmiem is-seklu tmintax inħasset il-ħtieġa li ssir rinovazzjoni fl-artal maġġur. Kollox jidher li kien l-Isqof Labini stess li ordna li l-artal maġġur jsir kollu kemm hu tal-irħam. F'konsulta tal-fratellanza tas-Sagrament datata 15 ta' Lulju 1787 l-fratelli għażlu unanimament lill-perit Mikiel Cachia u s-Sur Clemente Busuttil biex jidħlu responsabbli għax-xogħol li kellhu jsir fuq l-artal kif wkoll l-għażla tal-irħamijiet meħtieġa.[26] Iżda jidher li l-intenzjoni baqgħet biss ħsieb sal-1792, meta bis-saħħa ta' att notarili li qed jiġi pubblikat għall-ewwel darba, beda x-xogħol fuq skannell tal-irħam komplut bil-pilastri tiegħu, tabernaklu ġdid u t-turġien prinċipali tal-artal.[27]



*L-artal maġġur tal-knisja parrokkjali llum.*



*L-iskannell tal-artal maġġur kif jidher mill-kor.*

Fit-22 ta' Lulju 1792 dehru quddiem in-nutar Fortunato Garoffalo l-marmisti Filippo bin il-mejjet Gregorio u ibnu Carlo Durante flimkien mal-prokuraturi tal-fratellanza tas-Ssmu. Sagrament Angelo Azzoppardo u Mro. Giuseppe Borg. L-aħwa Durante ntrabtu li jaħdmu x-xogħol meħtieġ fl-artal maġġur għal-prezz ta' 900 skud b'numru ta' kundizzjonijiet. Id-Durante kienu diġa' tħallsu 100 skud minn din is-somma u l-bqija kellhom jitħallsu bin-nifs hekk kif jibda jinħadem u jitlesta x-xogħol.[28] Interessanti li l-iskannell kellu jinħadem fl-irħam kemm minn quddiem kif wkoll minn wara. Il-panewijiet ta' fuq wara li jidhru mill-kor kellhom jinħadmu minn irħam *verde di calabria* u l-panewijiet fiz-zokklatura fuq kull naħa tal-artal minn rħam *pietra serpentina*. Il-bankina ta' fejn jitqiegħdu l-gandlieri tas-sekonda kellha tinħadem f'irħam *verde antico* ċar skond mostra li l-prokuraturi ħassew li għandhom jżommu għandhom.

Jidher li x-xogħol kien jinvolvi wkoll restawr għalkemm dan seta' jfisser bdil ta' rħamijiet biex l-iskema tal-kuluri tkun taqbel. Kellu jsir xogħol ta' restawr fuq pilastri b'irħam msejjaħ *cepollina e verde d'Egitto* li fuq ġewwa tagħhom kellu jiġi interzjat minn irħam *verde di calabria*. Jidher li dawn kienu l-pilastri tal-faċċata fuq kull naħa ta' l-artal mejda fejn jidher mazzettun fjuri maħdum fil-bronż. Il-gwarniċjar tal-pedistalli u ta' l-iskannell kellu jinħadem f'irħam *giallo di siena* u l-puttini fit-trufijiet tal-iskannel kellhom jinħadmu minn Carlo Durante fi żmien sena skond kif kienu mħażża fid-disinn.[29]

Il-kuntratt jagħtina ħjiel li d-deċiżjonijiet marbuta ma' l-iskema tal-kuluri probabbilment tħallew f'idejn il-pittur Michele Busuttil filwaqt li dawk li jolqtu d-disinn tħallew f'idejn il-perit Mikiel Cachia.[30] Jirreferi għal Busuttil u Cachia bħala 'architetti' tal-proġett u jabilitahom jibdlu rħamijiet minn dawk magħżula ma' oħrajn skond il-ħtieġa waqt il-lant tax-xogħol. Ix-xogħol kellu jkun wkoll approvat minnhom. Busuttil kellu jagħżel il-kwalita` ta' rħam *giallo di siena* għall-gwarniċjar tal-artal. Cachia kellu jħejji disinn għal żewġ tarġiet li kellhom jinħadmu f'irħam abjad ordinarju.[31] Ftit ġimgħat wara, f'Novembru 1792, Busuttil ħa f'idejh il-kummissjoni għall-kwadru ġdid tal-artal tal-Madonna tal-Karita` u l-kwadru ovali żgħir ta' taħtu

" L-aħwa Durante ntrabtu li jaħdmu x-xogħol meħtieġ fl-artal maġġur għall-prezz ta' 900 skud"



tal-Qalb ta' Ġesu` u Cachia kien deher fil-kuntratt bħala prokuratur tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karita`.[32] Busuttil kien għadu kif reġa' lura lejn art twelidu minn Ruma madwar ħames snin qabel għall-ħabta tal-1787 u għalhekk jista' jitqies bħala artist ġdid fix-xena lokali.[33] Fl-istess żminijiet Cachia kien wkoll tela' Ruma u Napli biex jkompli jitħarreġ fl-arkitettura.[34]

Id-Durante kienu marmisti mill-Isla magħrufa għal dan it-tip u l-kwalita` ta' xogħol.[35] Filippo kien jiġi iben Gregorio u ħu Antonio; ibnu Carlo kien għalhekk bin is-sengħa minn ta' l-inqas żewġ ġenerazzjonijiet. Zijuh Antonio kien il-marmista li fl-1756 ġie kkummissjonat l-artal tal-irħam tal-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju.[36] Fl-istess żmien li Filippo u ibnu Carlo Durante ħadmu l-iskannell ta' l-artal maġġur, ħadmu wkoll l-iskannell tal-artal tal-Madonna tal-Konsolazzjoni komplut bil-pilastri.[37] Kuntratt mhux ippubblikat li qiegħed jidher wkoll f'dan l-artiklu għall-ewwel darba jindika li l-marmisti Durante ġew kkummissjonati dan l-iskannell tal-artal tal-Madonna tal-Konsolazzjoni f'Lulju tal-1793; ftit xhur wara l-iskannell ta' l-artal maġġur u jikkonferma wkoll li l-iskannell tal-artal ta' San Girgor kien inħadem minnhom wkoll ftit żmien qabel.[38] Dan il-kuntratt jindika li l-familja Durante ma ħadmitx biss fuq l-artal maġġur iżda ingħatat xogħol ieħor fl-irħam mill-prokuraturi tal-knisja parrokkjali skond kif meħtieġ.

L-iskannell ta' l-altar maġġur jidher li ġie esegwit skond il-ftehim għalkemm ma naqsux it-tibdiliet. Kuntratt ieħor għand l-istess Nutar datat 31 ta' Mejju 1795 jkopri ħlas ta' 135 skud parti mis-somma ta' 900 skud li d-Durante kellhom jiġbru mingħand il-prokuraturi.[38A] L-kuntratt jżid jgħid li l-ispejjeż kienu telgħu għal 1,135 skud minħabba xogħlijiet oħra li kienu żdiedu ma' dawk miftiehma fil-kuntratt oriġinali. Dawn setgħu jinkludu l-isgoxxijiet tal-panewijiet maħdumin fl-irħam li skond il-kuntratt tal-1792 kellhom jsiru tar-ram a spejjeż tal-prokuraturi.[39] Minn dak miftiehem oriġinarjament, il-bankina tal-gandlieri tas-sekonda jidher li ma saritx fl-irħam imsejjaħ *verde antico* ċar kif miftiehem iżda f'irħam aħmar. Aktar tard jidher li żdiedu l-erba evanġelisti fil-panewijiet tal-iskannell li huma stilistikament databbli għas-seklu għoxrin. Ix-xogħol proġettat jidher li madankollu tlesta sa' l-1795 għaliex f'April ta' l-istess sena l-prokuraturi ħallsu lil ċertu Giuseppe Mifsud biex jqiegħed l-iskannell l-antik ta' l-artal maġġur fuq l-artal tal-kor.[40]

*Il-bieba tat-tabernaklu tal-knisja parrokkjali.*



*Dettal tal-Kurċifiss li ħadem Giuseppi Qasha għall-knisja ta' San Filippu, l-Isla.*

Ix-xogħol miftiehem skond dan il-kuntratt ma jinkludix ix-xogħol tal-bronż li għadna naraw fit-tabernaklu u fuq il-pilastri tal-ġnub tal-artal. Mhux magħruf jekk dan kienx maħsub fid-disinn oriġinali li ġie ppreżentat mal-kuntratt tal-1792. Il-bronż huwa tabilħaqq ta' kwalita` għolja u tradizzjoni orali ssostni li l-artal kellu jkun fih ħafna aktar xogħol ta' dan it-tip.[41] Interessanti l-fatt li l-aktar irħamijiet ta' preġju jinsabu fl-arkitettura tat-tabernaklu u dawn huma l-irħamijiet li skond il-kuntratt kellhom jiġu pprovduti mill-istess prokuraturi bil-kundizzjoni li ma jkunx materjal iebes biex jinħadem. Il-prezz aħħari li ħallsu l-prokuraturi jixhduh mhux biss ix-xogħol li fih l-artal iżda wkoll l-irħamijet fini wżati.

Il-punt fokali ta' dan l-artal huwa tabilħaqq it-tabernaklu magħmul minn irħamijiet li jixbħu l-porfiru aħmar Eġizzjan u l-lapis lażuli; żewġ irħamijiet ferm prezzjużi. Fuq kollox il-bieba; xogħol fil-fidda ta' l-arġentier Cannataci iżda li tfakkarna fl-istil ta' l-iskultur Giuseppi Qasha; skultur magħruf Malti tat-tieni nofs tas-seklu tmintax li għalkemm jingħad li ħadem bosta opri tal-arti ftit huma dawk li ġew identifikati.[42] Interessanti wkoll is-suġġett magħżul għal din il-bieba prezzjuża tal-fidda li huwa oriġinali fil-ħsieb u l-kunċett. L-artist jispira ruħu mir-rakkont tal-vanġelu fejn Marija Maddalena taħsel riġlejn Kristu bi fwejjaħ prezzjużi ftit ġranet qabel il-passjoni.[43]

"Il-punt fokali ta' dan l-artal huwa tabilħaqq it-tabernaklu magħmul minn irħamijiet li jixbħu l-porfiru aħmar Eġizzjan u l-*lapis lażuli*"

## Opra tal-Arti għall-Glorja ta' Alla

L-artal maġġur tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun hu għaldaqstant xogħol ta' grupp ta' artisti li fosthom jispikkaw iż-Żwieten Michele Busuttil u Mikiel Cachia. Jibqa' mhux magħruf l-awtur tal-mejda ta' l-artal li



ġiet kkonsagrata mill-Isqof Alpheran fl-1747. Madankollu, l-għamla tiegħu kif wkoll l-għażla tal-kwalitajiet tal-irħam, jfakkruna f'xogħlijiet ta' membri oħrajn tal-familja Durante partikolarment ta' Claudio Durante. L-għamla tal-artal tixxiebah mal-artal mejda tal-maġġur l-antik tal-Kolleġjata ta' San Ġorġ (Rabat, Għawdex) maħdum minn Claudio Durante fl-1754.(44) L-artal jibqa' madankollu marbut mal-ġrajja tal-konsagrazzjoni fl-1747. F'nofs l-faċċata tal-artal l-artist daħħal replika tal-lapidi tal-konsagrazzjoni mdawwra b'raddiena u weraq tal-palm. Wara din il-lapida probabbilment jinsabu mqegħdin il-fdalijiet tal-qaddisin martri li tqegħdu fl-artal fl-1747. Hija din l-istess ġrajja li kkonsagrat l-maqdes f'tempju qaddis u rabtitu għal dejjem ma' Santa Katarina ta' Lixandra. ■

©2007 Sandro Debono

"L-artal jibqa madankollu marbut mal-grajja tal-konsagrazzjoni ..."

**Noti:**

(1) Ghal deskrizzjoni dettaljata taċ-ċerimonjal ta' konsagrazzjoni ta' knisja ara (ez) Anon., IL-Konsagrazzjoni tal-Knisja lil Alla taht il-harsien ta' Santa Katarina ta' Lixandra **f'Programm Santa Katarina Zurrieq**, 2006, 10-13.
(2) Ara sekwenza ta' inċiżjonijiet mehuda mill-Pontificale Romanum ppublikati minn G. Azzoppardi, ' The Consecration of an Altar: a series of engravings' f' J. Azzoppardi (Ed.), **Portable Altars in Malta**, Fondazzjoni Patrimonju Malti, 2000, 11-16.
(3) Ghal deskrizzjoni dettaljata ta'dak li sehh ara (A)rkivju ta' l-(I)sqof (F)urjana, V(ista) P(astorali) Alpheran de Bussan, 1747. Id-data moghtija minn J. Abela hija probabbilment dik li nsibu fuq lapida li tikkommemora l-att tal-konsagrazzjoni mqeghda fuq wiehed mill-bibien laterali tal-knisja parrokkjali. Id-data f'din il-lapida ma taqbilx ma dik minquxa fuq ix-xewka tal-artal maggur u mad-deskrizzjoni fil-vista pastorali tal-Isqof Alpheran
(4) Ara Grima J.F., **Minn Grajjet Parroċċa Maltija: San Ġorġ ta' Hal Qormi**, Malta; Grima J.F. (Ed.), **Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ ta' Hal Qormi – Erba Sekli ta' Storja**, Malta, 1994.
(5) V. P. Alpheran, 1747, fol. 517v.
(6) V. P. Alpheran, 1747, fol 510.
(7) Dwar Dun Andrea Xuereb ara J. Abela, The Parish of Żejtun Through the Ages, Midsea Books, 2006, 72, 218. Abela jiddeskrivih bhala wiehed mil-aktar Kappillani habrieka li hallas wkoll l-kwadru l-antik tal-Oratorju tas-Ssmu. Sagrament. Dan il-kwadru, xoghol il-pittur ftit li xejn maghruf Salvatore Morales sar fl-1746 u llum jinsab fil-mużew parrokkjali.
(8) Ara nota 7.
(9) Il-pittura tal-arzella taż-żewġ kappelluni, xoghol Gio. Nikola Buhagiar (1698-1752) u Francesco Zahra (1710-1773) tlestew sitt snin qabel. Ara wkoll J. Abela, 2006, 98-100.
(10) A.I.F., Vista Pastorali Alpheran de Bussan, fol. 518 ' *Visitavit chorum constuctum post Altare Maius satis amplum provisum de sedilibus ligneis cum duplici ordine de receni eleganter elaboratis.*'
(11) S. Debono, 'S Caterina in Atto di Predicare; Xbihatek u l-Kult tieghek fiż-Żejtun tas-Seklu Tmintax' f' Ghaqda Mużikali Beland, 2006, 63-69, nota 1
(12) V.P. Alpheran, fol. 519v. '*sagro Chrismate quingentos undecim pueros, et paellas, et nonullos adulta aetatis*'
(13) Ibid., fol. 521. Il-qaddisin martri kienu San Bonifaċju, San Piju, Santa Candida u Santa Victoria.
(14) Id-digriet tal-konsagrazzjoni kien jghid hekk:- *MDCCXLVII. Die XI mens Maii; Ego Fr Paulus Alpheran de Bussan Ordinis S(anc)ti. Jo(ahierni Archiepus Damiata et Epus Meliten. Consecravi ecclesiam, et Altare hoc in onorem St Catharina Virg. Et Mart, et Reliquias Sanctorum Martyrum Bonifacii, Pii, Victoria et Candida in eo inclusi, et Singulis Christi Fidelibus hodie, et in die anniversaria cosecrationis huius modi, quam in Dominicam quintam post Pascha, perpetuo transtuli ipsamque visitantibus Indulgentiam plenariam ex speciali indulto a SS. Dno Benedicto Papa XIII ore: teniis habito die V Aprilis 1728 in forma ecclesia consueta concessi.*
(15) A.I.F., Alpheran de Bussan, fol. 521 v.
(16) L-Vista Pastorali ssemmi wkoll xi whud mill-ministri li dak in-nhar kkonċelebraw mal-Isqof fosthom, il-Vigarju Generali ta' dak iż-żmien Don Adriano Gurgion u l-Monsignur tal-Kattidral Don Albino Portughes. Il-priedka tal-okkażjoni saret minn Don Francesco Wizzino.
(17) L-iskrizzjoni tghid hekk - *Illmus et Reverendmus. Dmus. Fr Paulus Alpheran de Bussan Archiepus.Damietae Epus. Meliten. Ritu Solemni consegravit Ecclesiam et Altare Die XI Men. Maji MDCCXLVII.*
(18) A.I.F., V.P., Alpheran de Bussan, 1747, fol. 510v. '*...visitavit altare Maius constructum in medio sanctuarii inter presbyterium et chorum quod invenit decenter reedificatum ex lapidibus marmoreus diversi coloris cum sua integra tabula totam basim tegente ex albo marmore proximis consecrandum super ipsum extat tabernaculum ligneum desciper descriptum decenter provisum de omnibus necesariis.*'
(19) Arkivju Parrokkjali Zejtun, Vol. 105, (1724-1726), fol. 16, Maggio 1724, '*Scudi venti dati a Mro Giuseppe Fabri a bon conto del prezzo del scannello fatto per l'altare Maggiore di da chiesa parrle. Col consenso del Sign. Parrocco*'; Ibid., ' Adi 18 Ottobre 1724: *Scudi Sessanta sei e otto pagati al sopra do. Mro Giuseppe Fabri a compimento della spesa del scannello e cio fui n contribuzione delli scudi cento altre volte ha dato a servizio dell'altare Maggiore di da paroche. Con consenso del parroco.*'; fol. 19, '*Mro Francesco Fabri ha ricevuto dal do. Procuratore Marc'Antonio Caruana scudi cinquanta e sono quelli medemi che S. Enza. gli diede in titulo di elemosina e cio dati dal do. Fabri per l'intaglio dell'altare maggiore*'. L-ispiża totali ta' dan il-proġett ma tohrogx b'mod _ar minn dawn ir-referenzi. L-hlas ta' ghoxrin skud lil Giuseppe Fabri f' Mejju tal-1724 jsir bhala parti minn somma ikbar li kienet dovuta lilu minghajr ma hemm indikazzjoni ta' kemm din tammonta. L-Flus li ha Francesco Fabri minghand il-prokuratur jidher li kienu flus mghoddija lill-prokuratur mill-Isqof (*sua eminenza*) u kienu speċifikament ghal xoghol ta' skultura.
(20) A(rkivju) (tal-) I(sqof) F(loriana), Vista Pastorali, Alpheran de Bussan 1729, fol. 551. '*...visitavit altare maius positum inter presbyterum et chorum sub magna fornice cuppulam suptinente (?) lapideum tabulis obtectum cum suą ara plenum et aptum pro sacrificio missa et decenter detentum supra ipsum adest scabellum lapideum eleganter elaboratum et deauratum cum cellula in medio pro uso tabernaculi precedenter descripti. Ad eius dum altari latera adsunt in fronte insculpta hinc inde lapida insigne Emmi et Remi Dni Fris Don Antoni Manoel Magni Magri Ordinis hiero, ad Illum et Rmi Dni Fra Gaspar Gori Manini.*' Dwar it-tabernaklu ara fol. 550. '*...tabernaculo ligneo affabre elaborato extiorsum deaurato ...*'
(21) A.I.F., V.P. Alpheran de Bussan, 1737, fol. 738. '*...et ad latera basis incise stemmata Baronis castri cicciani Fabritii de Testaferrata*'
(22) A.I.F., V.P. Pellerano, 1777, fol 458v, fol. 460. Dwar l-artal tal-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju ara S. Debono, L-Vara u l-Artal tal-Madonna tar-Ruzarju , **Ghaqda Muzikali Beland**, no. 25, June 2006.
(23) A.I.F., V.P. Alpheran, 1747, fol. 508; V.P. Pellerano1777, fols. 456v-457, '*...Visitavit Ssmum Sacramentum invenitq conservatum in tribus sacris pixidibus argenteis quarum media in executqute. Decreti precendentis visitationis procisa, expensis confrtis Ssmi Sacramenti protectis decentibus conopeolis et Magnam Sacramentam optiam repent in capsula argentea, conservata in tabernaculo ligneo extructo in medio scamni altaris maioris degenter elaborati foris deaurati, intus vero obducti panno serico rubri coloris cum cortinula serica pendente ante...*'
*(24)* Haż-Żebbuġ, Hal Tarxien u Hal Ghaxaq huma t-tlett parroċċi li ghandhom gilandra fuq l-artal maġġur. Madankollu din setghet faċilment tizdied wara bhal fil-kas ta' Hal Ghaxaq li jidher li saret b'weghda fl-1776 u mhux mal-artal li nhadem fl-1757. Ara A. Vella, L-Istorja Ekkleżjastika ta' Hal Ghaxaq f'Horatio Caesar Roger Vella, **Hal Ghaxaq u Niesu**, Ghaxaq, 2006.
(25) A.I.F., V.P. Bartolomeo Rull, 1759, fol 469. ' *visitavit altare maius...in cuius medio est collocatum supra descriptum tabernaculum supra quo residet tabern.lum tornatile pro expne S.S. Sacmti.*'; V. P. Pellerano, 1777, fol 458.
(26) A.P.Z., Libro Consulte Ssmo Sacramento, fol. 151. ' *In esecuzione degli comandi di Monsigr. Vescovo Fra Vincenzo Labini, concernenti la fattura e la perfezione di marmo dell' altare Maggiore della chiesa Parrochiale del _eitun, si e intimata e tenuta una Consulta Privata oggi il 15 Luglio 1787, terza domenica, laddove presenti il Mlto Rvdo Signr Parroco D. Giacomo Tortella, il Signr. Rettore, e il Sign. Oficiali, si e stabilito doversi eleggere, e c'care due soggetti abili e capaci a guira di Soprintendenti; come in fatti furono eletti, e creati, plenis votis, il Signr. Clemente Busuttil e Mastro Michele Cachia, affinche questi debbono invigilare tanto sulla manifattura de maestri, quanto sulla compra di marmi; e cio affinche l'opera riuscira bella ed applaudibile da tutti...*'
(27) A.N.V., Atti Fortunato Garoffalo, 22 ta' Lulju 1792, fols. 599-600v.
(28) L-espressjoni w_ata fl-atti notarili hija '*travagliando pagando*'. Din nsibha wżata f'numru ta' kuntratti oħrajn u jidher li kien mod ta' hlas accettabli.
(29) Supra ft.nt. 29. Fol. 600. '*...e li due puttini secondo il disegno dovranno essere fatti dal sudetto Sr Carlo...*'
(30) Supra ft.nt. 29. '*...secondo il disgeno sottoscritto dalli suddeti Sri Pro(_urato)ri e Maestri...*'
*(31)* Supra ft. nt. 29.. Fol. 600. ' *di piu due gradini di marmo bianco ordinario secondo il disegno da farsi dal Signor Micheel Busuttil altro architetto*'
(32) Dwar il-kwadru tal-Madonna tal-Karita u xoghlijiet ohra ta' Michele Busuttil ghal rahal twelidu ara S. Debono, 'Michele Busuttil and his works for Zejtun', fl-istampa.
(33) Attard Tabone G., Michele Busuttil (1762-1823) – Żmienu u l-Patrimonju Artistiku li Hallielna f' L-Ghid tal-Assunta, 1991.
(34) Giovanni Bonello, Attributions to Lorenzo Gafa and the Cachias f' The Sunday Times, 17 ta' Diċembru, 1995.
(35) Ara J. Debono, A Note on the St John's Co-Cathedral Marble Tombstones: The Artisans Foreign and Maltese f' **Melita Historica**, 1999, 387- 401.
(36) Ara S. Debono, 'Il-Vara u l-Artal tal-Madonna tar-Rużarju' f' **Għaqda Mużikali Beland**, 2006.
(37) A.N.V., Atti Fortunato Garoffalo, 28 ta' April, 1793, fols. 470v-471. Il-kummissjoni inghatat mill-prokuratur tal-artal, Antonio Busuttil, u l-prezz mitlub mid-Durante tela g_al 180 skud li minnhom il-prokuratur kien g_addielhom bil-quddiem 70 skud. Il-kumplament tal-hlas kellu jsehh hekk: 30 skud hekk kif l-iskannel jkun mqieghed f'postu u 80 skud li jkun fadal jithallsu 20 skud fis-sena fuq medda ta' erba snin. Ix-xoghol kellu jitlesta fi żmien sena.
(38) Ibid. fol.470v. '*...giusta la fattura del scannelo che li medmi. Maestri fat(tto) aveano nell'altare simile di San Gregorio...*'
(38A) A.N.V., Fortunato Garoffalo, 31 ta' Mejju 1795, fol. 458v-459.
(39)'*Li scosciatori del peneui dovranno essere di rame a spese delli Signri Procuratori*'.
(40) A.P.Z., Vol. 266, Libro Esigenziale della Lampada, fol. 120. Aprile 1795 ' *al Medmo. Mifsud (Giuseppe) per aver accomodato do. Scannello antico dell'altare maggiore all'altare del coro – tari 7.*'
(41) J.M.Debono kien jsostni dan waqt diversi intervisti li l-awtur ta' dan l-artiklu ghamel mal-qarib tieghu.
(42) Dwar Qasha ara **Roman Barqoue Sculpture for the Knights of Malta**, Patrimonju Publishing, 2004; K. Sciberras, **L-Arti Barokka f'Malta**, PIN, 2003; S. Debono, **Imago Dei: Sculpted Images of the Crucifix in the Art of Early Modern Malta**, Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, 2005.
(43) Ara Mt 26, 6-3; Mk 14, 3-9. F' Mrk 7, 1-8 il-ġrajja hija kkwotata hekk 'Marija hadet libbra fwiha ta' nard pur, tiswa hafna, u dilket biha riglejn Gesu`, imbaghad ixxotathomlu b'xagharha; u d-dar imtliet bir-riha tfuh. Guda l-Iskarjota, wiehed mid-dixxipli tieghu, dak li kien ser jittradih, qal: ' Din il-fwieha ghax ma nbighetx tliet mitt dinar biex jinghataw lill-foqra?... Qallu Gesu`: 'Halliha: din il-fwieha kienet refghetha ghal jum id-difna tieghi. Il-foqra dejjem issibhom maghkom, imma lili mhux dejjem issibuni.'
(44) E. Montanaro, '1754: Hidma tal-Marmista Claudio Durante fil-Bażilika ta' San Ġorġ' f' **Programm Festa San Ġorġ**, Ghawdex, Lulju, 1989.




**Illum l-esposizzjoni permanenti ta' Kristu sagramentat f'kappella dedikata għalih saret popolari ma' bosta parroċċi. Fiż-Żejtun din id-drawwa ddaħħlet fl-1940 minn Mons Grima.**

**Dan id-disinn ta' artal tal-Esposizzjoni kien sar mid-disinjatur u storiku tal-Arti Vincenzo Bonello għall-knisja tal-Ispirtu s-Santu. Il-ħsieb madankollu baqa' biss ħżuż fuq karta għaliex ma sarx.**

**Ħajr Mons. Ġwann Azzopardi.**